MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 182/2002

Il-Pulizija
(Spettur J. Cordina)

Vs

Francis sive Frank Ellul

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
a) Fit-23 t'April, 2001 u f'dati precedenti, fl-Isptar San Luqa, Pieta' b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala impjegat jew ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor u cioe' tal-Gvern ta' Malta, bi ksur ta' l-artikolu 138 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) U aktar talli fl-istess cirkostanzi ddistrugga jew ma halliex shah, processi, registri, atti jew hwejjeg ohra, li kienu qeghdin fl-arkivji pubblici, jew f'ufficji ohra pubblici, jew li kienu moghtija f'idejh bhala depozitarju jew ufficjal pubbliku minhabba l-kariga tieghu, bi ksur ta' l-artikolu 144 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Lulju, 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 138 u 144 tal-Kap 9, u l-Artikolu 9 tal-Kap 152, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, w obbligatu li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 t'Awissu, 2002 li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza, w minflok tissostitwiha billi tillibera lill-esponent minn kull htija w piena jew inkella tvarja l-istess sentenza fil-parti rigwardanti l-piena u dan taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa w opportuni.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor , jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuzi fil-konfront tieghu erronjament u dan ghaliex ma gewx ipprovduti (sic !) elementi materjali tar-reati lilu addebitati . Li r-reat kontemplat fl-artikolu 138 jirrikjedi li jkun maghmul dolozament u jrid ikun immirat lejn it-taghkis jew l-ikkagunar ta' hsara ta' haddiehor li hu “dolus” specifiku ; Li l-appellant mill-provi prodotti ma jirrizultax li agixxa b' tali hsieb ; Li l-atti tal-appellant jistghu jikkostitwixxu inottemperanza ma' prattika nterna amministrattiva tal-Isptar San Luqa imma mhux dak ikkontemplat fl-artikolu 138; Li hadd ma gie mghakkes bl-agir tal-appellant. Zgur li mhux Maria Bonnici w lanqas il-Gvern ta' Malta ; Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza w cioe‘ dik tad-distruzzjoni ta‘ processi, registri jew hwejjeg ohra li kienu f‘ufficcju pubbliku, kif kontemplat fl-artikolu 144 tal-Kap.9 la l-element materjali w lanqas dak formali ma rrizultaw mill-provi . Biex jissusisti dan ir-reat hu mehtieg li d-dokument ghandu jkun alterat b' tali mod li jirrendi mpossibbli rikompozizzjoni facli tas-sustanza tal-kontenut jew altrimenti jirrendi l-istess dokument inutilizzabbli ; Illi l-

alterazzjonijiet maghmula mill-appellant kienu biss emendi ghall-alterazzjonijiet abuzivi maghmula minn terza persuna li fil-konfront taghha ma ttiehdu ebda passi u f'kull kaz l-eghmil tal-appellant ma rrizultax fid-distruzzjoni ntiza mill-artikolu 144 u ghalhekk l-element oggettiv rekwizit ma giex sodisfatt ; Illi l-appellant agixxa merament b'culpa w mhux b'dolo ghax hu ma kellu bzonn ebda awtorizzazzjoni biex jaccedi ghall-file in kwistjoni w anzi fil-fatt huwa kellu "log in name" ghalih personali sabiex ikun jista' jaccedi ghall-istess file . Hu agixxa mhux b'malizja izda in buona fede ;
Illi ghar-rigward tal-piena , f'kaz li ma jintlaqax l-aggravju dwar l-akkuza taht l-artikolu 138, ghandu japplika ghal dan il-kaz il-proviso tal-istess artikolu li jipprovdi li f'kazijiet hfief tista' tigi applikata piena stabilita ghall-kontravvenzjonijiet u peress li dan hu kaz "de minimis" ghandha tapplika tali dispozizzjoni tal-proviso tal-art. 138 tal-Kap.9 ;

Semghet it-trattazzjoni tul il-kors tas-seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Fliet l-atti kollha processwali;

Rat l-ordni taghha biex din il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwarhom . L-appellant li bhala ufficjal pubbliku jahdem fil-Casualty Departmnent tal-Isptar San Luqa, fejn kellu access ghar-records komputetrizzati tal-pazjenti , gie mitlub mill-gharusa tieghu Maria Bonnici li ukoll kienet tahdem fl-istess Dipartiment bl-istess funzjonijiet , biex jivverifika jekk fl-entry taghha fir-records kienx hemm xi kliem oxxen jew dispreggattiv , ghax hi kienet indunat b'dan meta pprovat tikseb access ghar-records taghha ghax riedet tkellem xi tabib. L-appellant akkwista access , kif seta' jaghmel minhabba xogholu w sab li fil-fatt minnflok isem l-gharusa tieghu kien hemm diversi kliem . Hu pprova jhassarhom, izda

meta skopra li ma setax jaghmel dan, ghax il-programm tal-computer ma ppermettilux , ittajpja kliem iehor minnflok il-kliem hazin , bhal : “Forza Juventus”, “Ferrari” , “gorgeous” u “l-isbah wahda” u dana f’ diversi okkazzjonijiet u kull darba li hu sab kliem mhux xieraq minnflok isem l-gharusa tieghu fir-records komputerizzati taghha. L-gharusa tieghu kienet ilmentat mall-awtoritajiet tal-isptar dwar il-kliem li kien qed jinkteb minnflok jew magemb isimha fuq ir-records tal-pazjenti . L-Awtoritajiet tal-Isptar investigaw u sabu li wiehed mill-persuni li kienu qed ibaghbsu fir-records komputerizzati kien proprju l-appellant, ghalkemm dan kien qed jaghmel dan bl-iskop pozittiv li jnehhi kliem hazin jew dispreggjattiv . L-appellant ma jikkokntestax dawn il-fatti izda jghid li qatt ma ghakkes lill-hadd b’dak li ghamel anzi pprotega lill-gharusa tieghu mill-agir abuziv ta’ haddiehor u li qatt ma baghbas ir-records ta’ pazjenti ohra.

Illi l-appell hu bazat fuq l-interpretazzjoni legali li trid tinghata lil dawn il-fatti w jekk dawn jammontawx ghar-reati kontemplati fl-artikoli 138 u 144 tal-Kodici Kriminali .

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li r-reat kontemplat fl-artikolu 138 jirrikjedi li jkun maghmul dolozament u immirat lejn it-taghkis ta’ haddiehor u cioe‘ jrid ikun hemm “dolus“ specifiku , izda hu ma kienx agixxa b‘ dan il-fini .

Illi r-reat kontemplat fl-artikolu 138 hu dak kommess minn “Kull ufficjal pubbliku , li dolozament , bi ksur tad-dmirijiet tieghu , jaghmel jew jonqos li jaghmel xi att mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ....b’ taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor ...“

Illi din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Raymond Vella “ [2.8.1999] kienet irriteniet li :-

***“Il-kelma “dolozament” (“maliciously” fit-test Ingliz) fl-Artikolu 138 hi intiza semplicement biex taghmilha cara li dan ir-reat hu wiehed doluz u mhux kolpuz ; din il-kelma ma tfissirxli dan ir-reat jehtieg xi “malizja” jew “hazen” partikolari , oltre dak li hu***

***rikjest ghall-finijiet tad-dolo, cioe' l-intenzjoni pozittiva diretta jew l-intenzjoni pozittiva indiretta.“***

Illi bir-rispett ghall-argumentazzjoni tal-abbli difensur ghalhekk hu mhux korrett meta ssottometta li biex jissussisti dar-reat irid jirrizulta xi element intenzjonali specifiku oltre dak li jkun jaf x‘ qed jaghmel u li jaf li dak li qed jaghmel mhux suppost li jaghmlu . Kjarament fil-kaz in ezami , l-appellant suppost li kien jaf x' qed jaghmel ghax kellu access ghas-sistema komputerizzata tar-records tal-pazjenti fl-isptar San Luqa , sahansitra kellu l-“pass word” tieghu biex jaghmel il-”log in” halli jkun jista' jidhol f'dawn ir-records u zgur li kien jaf li dawn ma ghandhomx jimbidlu jew jigu alterati minghajr awtorizzazzjoni anki jekk l-intenzjoni li kellu kienet dik li kienet . Ghalhekk id-dolo rikjest mill-ligi biex tirrizulta l-htija taht dan l-artikolu jezisti .

Illi ghar-rigward tal-argument li hu ma ghakkes lil hadd b'dak li ghamel , anzi pprova jagevola lill-gharusa tieghu Maria Bonnici , r-risposta tal-Prosekuzzjoni hi li hu b'dak li ghamel ghakkes lill-Gvern ta' Malta ghax inserixxa fis-sistema komputerizzata tal-Isptar “DATA” rrilevanti u li ma kienx postha hemm fir-records tal-pazjenti u li setghat taghti lok ghall-tfixkil u intralc fis-sistema . Din il-Qorti hija tal-istess fehma w thoss li l-Awtorita' Sanitarja responsabbli mill-amministrazzjoni tal-isptar zgur li ssubiet “hsara” fit-termini tad-definizzjoni tar-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu 138 u ghalhekk anki dan l-element jirrikorri .

Ma hemmx dubju umbaghad li l-elementi li l-hati jkun ufficjal pubbliku u li dak li ghamel , ghamlu bi ksur tad-dmirijiet tieghu jirrizultaw , anzi ma hemmx kontestazzjoni dwarhom ghax l-appellant kien proprju impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha proprju fit-taqsima nkarikata mill-ippuncjar ta' “data” fuq il-pazjenti li jigu ammessi fl-Isptar fis-sistema komputerizzata tar-records tal-pazjenti .

Ghalhekk jissusistu l-elementi kollha ta' dar-reat kif kontemplat fl-artikolu 138 u l-Ewwel Qorti kellha kull

ragun li tikkonkludi dan fis-sentenza appellata w ssib il-htija tal-appellant ghall-istess reat .

Bir-rispett , il-Qorti lanqas ma taqbel li dan il-kaz jista' jigi minimizzat , kif jippretendi l-gharef difensur . Fiz-zminijiet tal-lum meta kull ma jmur aktar u aktar informazzjoni mportanti u konfidenzjali li tirrigwarda kull cittadin qed tigi fdata f'sistemi komputerizzati , hu mportanti li ma tidholx il-kultura fost min hu inkarikat mill-operazzjoni ta' dawn is-sistemi li tali informazzjoni qeghda hemm biex wiehed juzha w jilghab biha w jbiddel fiha , kif u x'hin irid hu , bi ksur mhux biss tal-konfidenzjalita' taghha izda anki fl-akkuratezza w ezattezza taghha. Kull min jigi impoggi f' pozizzjoni ta' fiducja fl-operazzjoni ta' sistemi komputerizzati bhal dawn ghandu responsabbilta' kbira li ma jabbuza b'ebda mod mill-pozizzjoni vantaggjata tieghu ghal skopijiet ta' mohhu , imma jrid jopera s-sistema fdata lilu bl-akbar rispett , serjeta' w sens ta' dover .

Illi ghar-rigward tal-aggravji dwar is-sejbien ta' htija taht it-tieni imputazzjoni u cioe' dik kontemplata fl-artikolu 144 tal-Kodici Kriminali , l-appellant jissottometti li biex jissustisti r-reat in dizamina hu mehtieg li d-dokument irid ikun alterat b'tali mod li jirrendi impossibbli r-rikompozizzjoni facli tas-sustanza tal-kontenut tieghu jew li jirrendi l-istess dokument inutilizzabbli . Illi din il-Qorti tinnota li ma hemm ebda kontestazzjoni mill-appellant li ir-records komputerizzati tal-Isptar San Luqa huma "records",dokumenti , registri , attijiet jew xi hwejjeg ohra li jkunu f' arkivji jew ufficji ohra pubblici li jgawdu l-protezzjoni li joffri l-istess artikolu .

Illi kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo meta kien qed jittratta dar-reat :-

***"The crime under discussion is completed by the embezzlement , destruction , mutilation or purloining of the document , etc. It is not necessary that the offender shall have achieved the aim he had in view , as , for instance , the deceit of the judicial authorities . Nor is it necessary to prove that***

***any private damage has beem actually caused . Nor is the completion of the offence effected by the fact that the document , etc. has been recovered.”***

[Notes on Criminal Law (1958) Part II , p. 133]

Illi fl-istess opus gie citat b’approvazzjoni Chaveau et Helie , [Vol . II, p. 149 , para 1050] (op. cit. p.132) fejn qal li :-

***“Un deposito pubblico e’ un asilo sacro ; e qualunque trafugamento commesso in quel luogo e’ una violazione della garanzia sociale , un attentato alla pubblica fede.”***

u giet ukoll citata La Corte di Cassazione :-

“***Le sottrazioni cui si riferiscono esclusivamente questi articoli sono quelle che si verificano nei depositi posti sotto la speciale protezione della pubblica autorita’ e costituiscono,indipendentemente dal valore degli oggetti sottratti , un’ offesa all’ interesse di ordine generale per cui questa protezione si e’ resa necessaria.”***

Illi fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli difensur ghamel riferenza ghal dak li jghid il-MANZINI fit-”Trattato di Diritto Penale Italiano” (vol. V , quinta ediz. p. 420) dwar f’hix ghandu jikkonsisti l-element materjali tar-reat in dizamina u partikolarment ghall-passagg li jghid testwalment hekk :-

***“e) Distruzione, dispersione o deterioramento. - Si tratta , in sostanza , di forme di danneggiamento (v. vol. Ix , n. 3340) , che comprendono , sia il fatto , comunque eseguito, per cui la cosa cessa di sussistere nella sua essenza anteriore , anche se non venga completamente annientata nella sua materialita’ specifica ; sia il fatto per cui la cosa viene disintegrata e le sue parti spostate in modo da non essere facilmente ricomponibili ; sia il fatto di portara nella cosa alterazioni di sostanza o di forma che la rendano comunque inservibile o che ne diminuiscano***

***il valore o l' idoneita' rispetto allo scopo per il quale era stata creata o era destinata . Le altre alterazioni non sono punibili per il titolo in discorso. (v. n. 1545 I e) "***

Illi anki jekk wiehed joqghod fuq din id-definizzjoni citata mid-difiza, din il-Qorti thoss li dak li sar fir-records komputerizzati tal-Isptar billi minnflok isem il-pazjent , biex jitghatta kliem iehor dispreggjattiv , iddahhal kliem bhal dak li irrizulta, dan kien bizzejjed biex tnaqqas il-valur u l-idoneita' tad-dokument ghall-iskop li gie koncepit u destinat , ghax min jilloggja fuq isem ta' pazjent f' records ufficjali tal-Isptar ma ghandux isib ma wiccu kliem bla sens u barra minn postu li jtellef il-kredibilita' w l-attendibilita' tal-istess "records" komputerizzatri ma dawk li jridu jaghmlu uzu minnhom .

Ghalhekk din il-Qorti, bhal l-Ewwel Qorti , ma thossx li b'dak li sar mill-appellant, kienet x' kienet l-intenzjoni tieghu , ma nkisritx id-dispozizzjoni tal-artikolu 144 , ghax hu cert li saru alterazzjonijiet mill-appellant li naqqsu l-valur tar-RECORDS protetti b'dan l-artikolu w dana fi sptar pubbliku ,fejn ghandu jkun hemm fiducja shiha fil-korrettezza w attendibilita' ta tali records .

Ghalhekk anki dan l-aggravju huwa infondat ;

Illi lanqas l-aggravji li l-appellant kien agixxa merament b'culpa u mhux b'dolo u li hu ma kellux bzonn awtorizzazzjoni biex jaccedi ghall-file u li hu agixxa in buona fede ma huma fondati . Illi li dan ma kienx kaz ta' kolpa hu ovvju ghax meta l-appellant - li kien intiz fl-operazzjoni tal-computer ghax kien jahdem fuqu - ghazel li jilloggja gor-records tal-pazjenti , dan ma ghamlux bi zball jew b'negligenza , imma b'decizjoni u azzjoni deliberata , tant li ghamel hekk aktar minn darba "ex admissis" u ghamlu bl-iskop li jhassar jew jghatti dak li kien qed izid haddiehor fuq isem l-gharusa tieghu. Umbaghad il-fatt li hu kellu access ghall-file fil-computer , zgur li ma kienx jatih id-dritt li jaltera tali file jew izid jew inaqqas minnu kif ghamel "ex admissis" . U kien jaf ukoll li jekk kien hemm did-diffikolta' , kien imissu rraporta lis-

superjuri tieghu jew lil tal-MITTS biex jiehdu hsieb li jigi rintraccjat il-kolpevoli li kien qed ibaghbas ir-records tal-gharusa tieghu . Minnflok ghazel li jiehu l-ligi b'idejh u bla awtorizzazzjoni jaghmel dak li ghamel ripetutament . Seta' iva kien ben intenzjonat versu l-gharusa tieghu , imma dan ma hux ekwiparabbli ghall-"buona fede" , ghax l-ewwel obbligu tieghu bhala ufficjal pubbliku inkarikat minn xoghol delikat u kunfidenzjali bhal dak , kien li jittutela s-sistema w jipprotegiha minn intralcji w mhux jidhol hu u jkompli jzid fuq il-hazin ta' haddiehor.

Illi umbaghad dwar il-piena, din il-Qorti normalment ma tvarjax il-piena sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. Issa , fil-kaz in ezami , l-Ewwel Qorti , wara li qieset ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, l-animu tal-appellant meta ghamel dak li ghamel , il-kondotta nadifa precedenti tieghu w fatturi ohra, ddecidiet , sew fl-opinjoni ta' din il-Qorti li ma tapplikax il-piena karcerarja stabilita ghal reati tax-xorta li l-appellant instab hati taghhom. Minnflok , saggjament applikat id-dispozizzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap.152 u lliberat lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar . Dan il-provvediment li zgur kien wiehed li agevola lill-appellant kien wiehed gust u jimmerita konferma w ma hux il-kaz li jigi varjat minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------